Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,415, 2 ta' Ġunju, 2020
Taqsima B

A.L. 224 tal-2020

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD
(KAP. 406)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw il-Ħdax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, skop u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2020 li jemendaw il-Ħdax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Ħdax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Ħdax-il Skeda hi minn hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "il-Ħdax-il Skeda".

Kap. 406.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 tal-5 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti u d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2019/1995 tal-21 ta' Novembru 2019 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati ma' bejgħ b'distanza ta' merkanzija u ċerti provvisti domestiċi ta' merkanzija.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data jew id-dati li l-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji, jista' b'avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi.

Jissostitwixxi l-partita 8 tal-Ħdax-il Skeda.

2. Il-partita 8 tal-Ħdax-il Skeda, għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"*Dokumentazzjoni ta' bejgħ li jsir f'ċertu distanza u provvisti li jiġu faċilitati permezz tal-użu ta' interfaċċa elettronika*

8. (1) Kull persuna taxxabbli għandha żżomm dokumentazzjoni fid-dettal biżżejjed li tkun tippermetti li jiġi stabbilit il-valur ta' bejgħ li jsir f'ċertu distanza magħmul minnha ta' oġġetti trasportati minn Malta inkluż:

(a) deskrizzjoni tal-oġġetti u l-korrispettiv imħallas

Verżjoni Elettronika

għal kull bejgħ;

(b) kopja tal-fatturi relattivi;

(ċ) kull dokumenti oħra ta' sostenn.

(2) (a) Fejn persuna taxxabbli tiffaċilita, permezz tal-użu ta' interfaċċa elettronika bħal post tas-suq, pjattaforma, portal jew mezzi simili, il-provvista ta' oġġetti jew servizzi lil persuna mhux taxxabbli fi ħdan il-Komunità skont id-dispożizzjonijiet tat-Tielet Skeda, il-persuna taxxabbli li tiffaċilita l-provvista għandha tkun obbligata li żżomm dokumentazzjoni ta' dawk il-provvisti. Dik id-dokumentazzjoni għandha tkun f'dettall suffiċjenti sabiex tippermetti lill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri fejn dawk il-provvisti huma taxxabbli biex jivverifikaw li l-VAT tkun ġiet kontabilizzata b'mod korrett.

(b) Dik id-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafu (a) għandha isir disponibbli b'mezzi elettroniċi fuq talba għall-Istati Membri kkonċernati. Dik id-dokumentazzjoni għandha tinżamm għal perijodu ta' għaxar (10) snin mill-aħħar tas-sena li matulha saret it-transazzjoni.".